MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 756/2002

**Avviz Nru 756/02 – DM**

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Saliba sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess John Saliba**

**Vs**

**Martin Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm2,688.84) ammont verjuri li gie likwidat minn dina l-

Qorti jekk hemm bzonn  anke permezz ta' periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnhom fl-incident awtomobilistiku tat-2 ta' t'April, 2002 f'Triq ix-Xatt, Msida, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni JAZ 285 misjuqa minnhu u proprjeta tieghu u l-vettura numru ta' registrazzjoni  BAO 183 misjuqa minn Maria Saliba u proprjeta tal-assikurat attur John Saliba, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi Lm6 tal-konsult u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jirrispondi t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma

Il-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm2688.84) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, b'dikjarazzjoni illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni  bl-imghaxijiet legali b'effett mill-11 ta' Dicembru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------